# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

**Appell Nru. 25/2017**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Carmel Galea**

**Seduta 28 ta' Settembru, 2020**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra, Carmel Galea detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 589461M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fl-14 ta' Ottubru, 2015 ghall-habta tat-08:00hrs gewwa tal-Mizieb l/o Mellieha u f'dawn il-Gzejjer;

1. Ha jew prova jieħu xi għasafar, matul l-istaġun magħluq għall-insib tal-għasafar;
2. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kien qed jikkaċċja jew jipprova jikkaċċja, jieħu jew jipprova jieħu b'kull mezz li jkun xi għasfur kif permess skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, meta ma kienx fil-pussess ta' liċenzja valida skond ma tapplika, maħruġa mid-

Direttur u ma ssodisfax il-kundizzjonijiet kollha speċifikati fil-liċenzja w f'kull liġi oħra;

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, jieħu jew prova jieħu xi għasfur li huwa protett taħt dawn ir-regolamenti, jekk mhux skond dawn ir-regolamenti u skond il-kondizzjonijiet ta' kull liċenzja li tingħata taħtha;

4. B'hekk irrenda ruħu reċidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tal-25 ta' Jannar, 2017 fl-ismijiet premessi li biha sabet lill-imputat Carmel Galea ħati tal-imputazzjonijiet u kkundannatu għal multa ta' elfejn ewro (€2,000) u ghar-revoka permanenti tal-liċenzji;

Rat ir-rikors tal-appellant, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Jannar, 2017, li bih talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah minn l-akkużi dedotti kontra tiegħu u fin-nuqqas tapplika piena anqas ħarxa;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet xhud bil-gurament;.

Ikkunsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fis-semplicita' taghhom dwar allegat insib illegali sia ghaliex waqt stagun mghaluq kif ukoll ghaliex l-allegat insib kien ghall-ghasafar protetti. L-appellant jillanja s-sentenza li biha nstab hati bil-gravami li qatt ma kellu jinsab hati stante kunflitt fil-provi, li l-addebitu tar-recidiva ma rrizultax u b'mod alternattiv, li l-piena erogata u s-sospenzjoni tal-licenzja kienu harxa zzejjed;

2. Il-provi ghad-disposizzjoni tal-ewwel Qorti kienu s-segwenti. PC 1231 R.Agius xehed permezz ta' affidavit u spjega kif flimkien ma' PC 1030 C.Theuma rċevew telefonata b'rapport ta' nsib fl-inħawi tal-Miżieb. Meta accedew fuq il-post sabu xbiek armat mifrux mal-art, imdawwar b'xi gabbjetti bl-għasafar tal-għana ġo fihom. Dawn kienu erba' sponsuni, żewġ ekri u tnejn taż-zebbuġ. Kif waslu fuq il-mansab avviċinathom persuna li staqsiehom x'ġara u skużat ruħha għaliex kienet qed jonsob. Din irrizulta li kien Carmel Galea ID 589461(M), bin Michael u Maria nee Vassallo imwieled fit-28 t'Awwissu 1961 u joqgħod Id-Dar il-Bajda, il-Miżieb, limiti tal-Mellieħa. L-uffiċjali ordnaw lil din il-persuna biex iżarma l-mansab minnufih.

3. Il-fatti kif rakkontati imbaghad minn PC1030 Clinton Theuma huma simili ghal dak appena sintetizzat supra mill-affidavit ta' PC 1231. Ma' dawn l-affidavits kienu esebiti ritratti ta'

persuna magenb mansab, ta' mansab armat, ta' ghasafar f'gabjetti u ta' gabjetti vojta. Ikkonferma dak kollu li qal PC1231 R.Agius. Jghid ukoll illi malli rahom resqin lejn il-mansab dan il-persuna mar hdejhom u mill-ewwel qal li l-mansab kien tiegħu;

4. Kienu prezentati żewġ sentenzi mogħtija fil-konfront tal-appellant (waħda a fol 23 mogħtija fit-8 t'Ottubru 2014 u l-oħra a fol24 mogħtija fis-27 ta' Novembru 2013). Iż-żewġ sentenzi kienu dwar kaċċa u żamma ta' apparat projbit u l-oħra ma' nsib u użu ta' xi xibka, ranja jew mist;

5. L-imputat xehed quddiem din il-Qorti peress illi d-deposizzjoni tieghu l-ewwel Qorti ma kienitx registrata. Qal li meta marru l-uffiċjali fuq is-sit li huwa "biċċa bogħod" mir-razzett tiegħu kien hemm mansab, kien hemm ix-xibka fl-art u qalulu li kien qed jonsob. Imma hu kien qiegħed fl-għelieqi. Fejn instab il-mansab huwa raba' tal-gvern u hu m'għandux x'jaqsam miegħu. Qal lill-uffiċjali li dak ma kienx tiegħu u ma kienx jaf min kien qed jonsob hemm. Ir-raguni ghaliex l-ufficcjali gew fuqu kienet ghaliex kien fl-għelieqi tiegħu vicin is-sit u li mhux minnu li kien skuza ruħu u li dak il-hin kien qed jahdem ir-raba maġenb ir-razzett tiegħu. Jghid ukoll illi l-persuna li tidher fir-ritratt a fol.12 mhux hu u li lanqas biss jonsob;

6. Issa, l-ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni temmen liema wahda mill-verzjonijiet ghandha mis-sewwa skond ic-cirkostanzi kollha tal-kaz. L-imputat jghid li dak il-persuna fir-ritratt mhux hu izda ma tistax din il-Qorti tifhem kif l-

imputat jasal biex jghid hekk meta dan huwa immagini tieghu. Lanqas tista' tifhem din il-Qorti kif l-imputat jasal biex jghid li hu ma jonsobx meta l-fedina penali tieghu hi mtebba b'diversi sentenzi li fihom instab hati ta' insib illegali. Tistaqsi din il-Qorti, x'kien qed jaghmel hemm l-imputat f'sit recintat li allura mhux tieghu, mitejn u hamsin metru boghod mir-razzett tieghu?

7. B'dawn il-fatti migjuba quddiem l-ewwel Qorti, din setghet tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha ragjonevolment kif ukoll legalment;

8. Kwantu l-addebitu tar-recidiva, mill-artikoli citati mill-ewwel Qorti jidher li dan l-addebitu kien ghaliha pruvat. L-appellant, izda, ghandu ragun fil-lanjanza tieghu meta jghid li ma ngiebet ebda prova dwarha. Dan ghaliex l-addebitu tar-recidiva jehtieg prova ahjar minn dik migjuba quddiem l-ewwel Qorti. Il-prosekuzzjoni kienet esebiet dak li ghaliha kienu żewġ sentenzi li ngħataw fis-27 ta' Novembru 2013 u fit-8 t'Ottubru 2014. L-ewwel wahda, izda, hija kopja ta' komparixxi jew citazzjoni bil-kliem "Ammissjoni / Multa €750" b'firma u data. It-tieni wahda hija ukoll kopja ta' komparixxi bil-kliem "Multa €240 / Konfiska trabokki" b'data u firma;

9. Ghal prova tal-addebitu kien jehtieg kopja vera u proprja tas-sentenza tal-Qorti mahruga taht il-firma tar-registratur tal-Qrati. Haga din li ma saritx u ghalhekk l-ewwel Qorti ma setghetx tqis l-addebitu bhala pruvat;

10. Kwantu l-aggravju dwar il-piena, fl-ewwel lok jinghad li ma kien hemm xejn ahrax in rigward tenut kont li l-imputat

kien passibbli ghall-multa bejn €1000 u €10,000 u revoka permanenti tal-licenzja fil-kaz li jkun misjub hati ghat-tieni darba. Issa li l-addebitu tar-recidiva irrizulta mhux pruvat hu passibbli ghal-multa ta' bejn €500 u €5000 u sospensjoni tal-licenzja ghal mhux anqas minn sentejn u mhux aktar minn hames snin. Ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena b'dan illi qed tittiehed kont tal-fedina penali tal-imputat li turi li ma ghandu l-ebda rispett ghall-ligijiet li huma mahsuba li jirregolaw it-tehid ta' ghasafar selvaggi;

11. Ghal dawn il-motivi tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellata u dan billi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabet lill-appellant hati tal-ewwel, t-tieni u t-tielet imputazzjoni, thassarha fejn sabet li jirrizulta l-addebitu tar-recidiva, thassarha ukoll f'dik il-parti li biha kkundannatu ghal-piena ta' €2,000.00 u ghar-revoka permanenti tal-licenzja u minflok tikkundannah ghal-hlas ta' multa ta' €1,500.00 u tiskwalifikah mil-licenzji tieghu ghal perjodu ta' tlett snin mil-lum.